**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 91**

**Data: 23 ta' Mejju, 2019**

**Hin: 2.00 pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

91.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

91.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;

91.3 Festa 2019;

91.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

91.5 Approvazzjoni tal-Minuti tal-91 laqgha u tmiem tal-laqgha.

---

**91.1 Approvazzjoni tal-Minuti tad-89 u 90 laqgha tal-Kunsill**

91.1.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**91.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

91.2.1 Is-Sindku spjega li ghandna l-iffirmar tal-progett il-gdid fejn bejn l-3-4 Gunju ser ikun hemm il-laqgha fil-Grecja. Is-Sindku stieden lill-membri biex min jixtieq jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv biex jinqatghu l-biljetti.

91.2.2 Is-Sindku qal li f'Gunju hemm l-Infiorata fejn trid tissejjah laqgha tal-Kumitat tal-Grupp Infjoraturi fit-31 ta' Mejju fil-5pm biex tigi diskussa l-attivita' u jsiru l-preparamenti mehtiega.

91.2.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Kunsill il-gdid li l-legislatura tieghu tibda' mill-1 ta' Lulju u li ghandhom jistennew struzzjonijiet mis-Segretarju Ezekuttiv ghas-sejha ta' l-ewwel laqgha. Fi frattemp huma jkunu notifikati ukoll li sat-30 ta' Gunju, l-Kunsill prezenti jibqa responsabbli ghal kull decizjoni li ttiehed.

**91.3 Festa 2019**

91.3 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-festa ingabru l-kwotazzjonijiet minghand zewg suppliers fejn il-Kunsill qabel li ghandha tintghazel l-irhas offerta'.

91.4 Is-Sindku qal li l-applikazzjonijiet ta' l-Ghaqdiet waslu erba' applikazzjoni minghand l-Gharb Rangers FC, Ghaqda Briju tal-Festa, Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u Ghaqda 31 ta' Mejju, u peress li dawn kienu jikkoncernaw il-festa dawn iridu jigu diskussi f'din il-laqgha. Inqraw l-applikazzjoni ta' ghajnuna li gew ipprezentati. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jikkollabra ma' l-ghaqdiet sabiex jorganizzaw l-attivitajiet taghhom filwaqt li s-Sindku ddikjara li ghandu interess personali fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u ghaldaqstant hareg mill-kamra u talab lill-Vici Sindku biex tippresiedi fil-laqgha.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ghandha tinghata l-ghajnuna bhal l-ghaqdiet l-ohra.

Is-Sindku ssejha lura fil-kamra.

Il-Kunsill qabel li iktar mall-jum ghandhom jigu ffirmati l-kuntratti relatati.

**91.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

91.4.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali flimkien mall-kont ta' Joe. M. Attard u l-kontijiet relatati mas-Sagra tal-Qaqqocc ta' Niscemi.

**91.5 Approvazzjoni tal-91 laqgha u Tmiem tal-laqgha**

91.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreparat il-Minuti tal-91 laqgha li nqraw u gew approvati unanimament.

91.5.2 Is-Sindku wassal ir-ringrazzjament u apprezzament tieghu lill-Kunsilliera kollha ta' sitt snin hidma flimkien.

91.5.3 Il-laqgha spiccat fis-2.37pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |